# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

PROVIŻORJU
**2007/2023(INI)**

17.4.2007


# ABBOZZ TA' RAPPORT

Li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol biex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21
(2007/2023(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali


Rapporteur: Jacek Protasiewicz

PR_INI

**WERREJ**

**Paġna**


MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................8

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**Li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol biex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21 (2007/2023(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni - Li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol biex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21 (COM(2006)0708),

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea,

wara li kkunsidra r-Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-ġejjieni tal-politika soċjali fl-Unjoni Ewropea mkabbra ta' Mejju 2004,

– wara li kkunsidra l-Programm Komunitarju ta' Liżbona tal-Kummissjoni u l-implimentazzjoni tiegħu fl-2006 (SEC(2006)1379),

– wara li kkunsidra l-Aġenda Soċjali tal-Kummissjoni 2006-2010,

– wara li kkunsidra l-programmi ta' riforma ta' Liżbona kif preżentati mill-Istati Membri,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Ewropa Globali: Kompetizzjoni Dinjija" (COM(2006)0567),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Linji ta' Gwida Integrati għat-Tkabbir u għax-Xogħol (2005-2008) (COM(2005)0141),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2000, ta' Marzu 2001, ta' Marzu u ta' Ottubru 2005 u ta' Marzu 2006,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-23 ta' Marzu 2006 dwar sfidi demografiċi u solidarjetà bejn ġenerazzjonijiet,– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2006 dwar il-Mudell Soċjali Ewropew għall-futur,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0000/2007),

A. billi t-tkabbir ekonomiku huwa prekondizzjoni neċessarja għat-tkabbir ta' l-impjiegi,

B. billi, fi żmien ta' globalizzazzjoni, progress teknoloġiku mgħaġġel, u żieda fil-

[1] OJ C 292 E, 1.12.2006, p. 131.
[2] P6_TA(2006)0340.

kompetizzjoni li toriġina mid-domanda li qed tinbidel tal-konsumatur, il-modernizzazzjoni tal-liġi tax-xogħol hi element ewlieni biex ikun żgurat li kemm l-intrapriżi kif ukoll il-ħaddiema jkunu jistgħu jadattaw b'suċċess,

C. billi wieħed mis-sinjali ta' suq tax-xogħol li qed jinbidel huwa l-eżistenza ta' forom ġodda ta' kuntratti, li l-popolarità tagħhom fl-Unjoni Ewropea qed tiżdied b'mod sistematiku kemm minħabba l-bżonnijiet ta' min jimpjega li huma mġiegħla jirreaġixxu għal kundizzjonijiet ta' suq li qed jinbidel, kif ukoll għall-aspettattivi tal-ħaddiema, b'mod partikulari ġenituri li qed irabbu tfal u żgħażagħ li qed jistudjaw li jridu aktar libertà biex jiddeterminaw is-siegħat tax-xogħol tagħhom sabiex jakwistaw bilanċ aħjar bejn il-ħajja tal-familja, ix-xogħol u l-edukazzjoni,

D. billi impjiegi part-time ammontaw għal madwar 60% tax-xogħlijiet ġodda maħluqa fl-Unjoni Ewropea sa mill-2000, fi kliem ieħor ammont akbar mill-impjieg standard tal-full-time, u billi 68% tal-ħaddiema part-time huma sodisfatti bis-siegħat tax-xogħol tagħhom,

E. billi madwar 60% ta' dawk li fl-1997 għamlu arranġamenti kuntrattwali mhux standard, kellhom kuntratti standard fl-2003, hija indikazzjoni li d-diversità tal-kuntratti tax-xogħol hija metodu effettiv kemm biex jiddaħħlu nies ġodda fis-suq tax-xogħol kif ukoll biex min mhux jaħdem full-time, kemm jekk volontarjament jew le, iżomm kuntatt mas-suq tax-xogħol,

F. billi, forom ġodda ta' arrangamenti tax-xogħol huma l-biċċa l-kbira meħuda minn ħaddiema li jridu jsibu impjieg legali, u l-impjieg indipendenti huma iktar popolari fost dawk li għandhom 'l fuq minn 40 sena għax inkella dawk li jkollhom problema biex isibu xogħol, bir-rizultat li dawn il-forom ġodda ta' impjieg jikkontribwixxu għal tnaqqis fil-qgħad u fix-xogħol illeġali u jgħinu biex jissolvew problemi li ġejjin minn soċjetajiet Ewropej li qed jixjieħu,

G. billi f'xi Stati Membri n-negozjar kollettiv jgħin lis-suq tax-xogħol biex jopera b'mod flessibbli, filwaqt li f'ħafna pajjiżi oħra bi tradizzjonijiet kundizzjonijiet soċjali differenti, persentaġġ żgħir ħafna biss ta' ħaddiema qegħdin f'trejdjunjin,

H. billi azzjoni fuq livell ta' UE trid tirrispetta l-kompetenza ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-liġi tax-xogħol u tal-prinċipji ta' addizzjonalità u proporzjonalità,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Green Paper "Li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol biex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21" u jenfasizza li l-għan ewlieni tal-bidliet tal-liġi tax-xogħol ta' l-UE għandu jkun li joħloq aktar impjiegi, biex b'hekk jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona;

2. Jikkunsidra li, jekk l-liġi tax-xogħol trid tiffaċċja l-isfidi tas-seklu 21, din trid tiffoka l-iktar fuq is-sigurtà ta' l-impjiegi aktar milli l-protezzjoni ta' xogħlijiet partikulari, b'hekk tagħmilha aktar faċli biex jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol kemm dawk il-persuni li jkunu għadhom kif bdew l-attività professjonali tagħhom, kif ukoll dawk li jew għax ikunu jridu jew minħabba raġunjiet oħra jsibu ruħhom mingħajr impjieg permanenti;

3. Jinnota li l-appoġġ ta' liġi tax-xogħol flessibbli mhix biss element ewlieni biex tittejjeb il-kompetittività ekonomika ta' l-UE imma ser taqdi wkoll bżonnijiet li jvarjaw tal-

ħaddiema, b'kunsiderazzjoni ta' l-istadju tal-ħajja li huma jkunu waslu fih u l-prospettivi tax-xogħol tagħhom; fl-istess ħin jirrikonoxxi li l-flessibilità trid timxi pass pass ma' l-appoġġ lill-ħaddiema li jsibu ruħhom f'perjodu ta' tranżizzjoni minn stat ta' impjieg għal ieħor;

4. Jemmen ħafna li l-impjiegi flessibbli u ġusti għandhom ikun ibbażat fuq drittijiet bażiċi minimi ('bażi ta' drittjiet'), li għandhom jinkludu: non-diskriminazzjoni, protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-ħaddiema u dispożizzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol; fl-istess ħin jenfasizza li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu deċiżi fuq livell ta' Stat Membru, fuq il-bażi ta' tradizzjonijiet differenti u ċirkustanzi soċjali u ekonomiċi, imma wkoll b'kunsiderazzjoni xierqa għal proporzjonalità u mingħajr ma tinħoloq ħsara għall-ħolqien ta' xogħlijiet ġodda;

5. Jikkunsidra li qafas tal-liġi tax-xogħol ristrett iżżejjed jista' jfixkel lil min jimpjega milli jimpjega ħaddiema ġodda anke fi żminijiet ta' tkabbir ekonomiku, b'hekk jitgħarqu l-prospetti tax-xogħol b'mod partikulari għan-nisa, għall-ħaddiema li jkunu deħlin fis-suq tax-xogħol u għall-ħaddiema ixjeħ li jixtiequ jibqgħu jkomplu jaħdmu anke wara l-età ta' l-irtirar;

6. Jinnota li kuntratti tax-xogħol ristretti żżejjed huma element ewlieni li jħeġġeġ lil min jimpjega u lill-ħaddiema biex iwettqu xogħol klandestin u għalhekk jikkunsidra li l-aħjar mod kif dan il-fenomenu jiġi miġġieled hu li x-xogħol leġali jsir aktar faċli; għalhekk jinsisti sabiex l-Istati Membri kollha jneħħu r-rekwiżiti burokratiċi mhux ġustifikati u li huma restrittivi żżejjed għall-impjiegi u jnaqqsu spejjeż tax-xogħol eċċessivi li m'humiex relatati mal-pagi;

7. Jadotta l-għan tal-Kunsill li jimmobilizza r-riżorsi kollha xierqa nazzjonali u Komunitarji biex ikunu żviluppati ħaddiema b'kapaċitajiet, imħarrġa u adattabbli u swieq tax-xogħol responsivi għall-isfidi li joriġinaw minn impatt ikkombinat tal-globalizzazzjoni flimkien mas-soċjetajiet Ewropej li qed jixjieħu;

8. Jemmen li l-motivazzjoni u l-volontà individwali huma l-elementi l-aktar importanti fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-proċess ta' tagħlim ta' tul il-ħajja u jappella għall-iżvilupp ta' suq ta' l-edukazzjoni u skejjel biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol u l-aspettattivi individwali tal-ħaddiema u ta' min iħaddem; iħeġġeġ li l-istudji intraprenditorjali u l-immaniġġjar tal-karriera personali jiġu inklużi fil-kurikulu ta' l-iskola;

9. Jirrimarka l-ħtieġa urġenti li jittejjeb il-livell ta' l-edukazzjoni tal-popolazzjoni ta' l-UE u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lil min iħaddem biex iħarsu lejn it-tagħlim ta' tul il-ħajja bħala investiment sod fl-iżvilupp tal-kapital uman u bħala mezz l-aktar effettiv biex jingħeleb il-qgħad li jdum għal żmien twil;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra d-differenzi kbar ħafna fit-tradizzjonijiet u fir-realtajiet tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri, kif ukoll fil-livelli ta' żvilupp differenti tagħhom, li jfisser li l-armonizzazzjoni tal-liġi tax-xogħol fuq livell Ewropew mhix possibbli u lanqas neċessarja; jenfasizza li l-introduzzjoni ta' regolamenti ġodda mhix rimedju għan-nuqqas ta' implimentazzjoni kif suppost tad-dispożizzjonijiet eżistenti;

11. Jikkunsidra li d-drittijiet ta' ħaddiema transkonfinali huma protetti adegwatament permezz ta' din il-leġiżlazzjoni, imma li l-għan li tiġi adottata definizzjoni waħda ta' impjegat u ta' persuna li taħdem għal rasha taħt il-liġi Komunitarja mhix realistika minħabba d-differenzi kbar ħafna fit-tradizzjonijiet u fir-realtajiet fl-Istati Membri individwali;

12. Iħeġġeġ sabiex il-metodu miftuħ għal koordinazzjoni jintuża fl-isfera tal-politika għall-impjieg u fil-politika soċjali bħala strument utli għall-iskambju ta' l-aħjar prattika sabiex isir rispons għal sfidi konġunti b'mod flessibbli u trasparenti u jikkunsidra l-kundizzjonijet diversi li huma ta' importanza kruċjali għas-swieq tax-xogħol fl-Istati Membri individwali;

13. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tiġbor u tanalizza informazzjoni dwar is-swieq tax-xogħol nazzjonali sabiex jiġi żgurat li skambji ta' prattika tajba marbuta mal-politiki għall-impjieg imħaddna fl-Istati Membri individwali huma bbażati fuq dejta ta' min jorbot fuqha;

14. Jitlob lill-Istati Membri biex jirrevedu sistemi ta' siġurtà, b'mod partikulari dawk li jiggarantixxu benefiċċju tal-qgħad, bl-għan li jiġu provduti inċentivi għall-impjieg; jikkunsidra li t-tnaqqis tal-perjodi mingħajr xogħol hu l-iktar mod effettiv biex jiġi miġġieled il-qgħad u għalhekk jitlob lill-Istati Membri biex inaqqsu d-dewmien medju tat-tfittxija għax-xogħol fl-Ewropa;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-fatt li l-liġi għandha influenza kbira ħafna fuq l-imġiba ta' l-intrapriżi, u li l-kunfidenza tagħhom f'dispożizzjonijiet stabbli, ċari u sodi hija element ewlieni meta jittieħdu deċiżjonijiet biex jinħolqu aktar postijiet tax-xogħol;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex fil-prattika leġiżlattiva ta' l-UE, tikkunsidra l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għar-reviżjoni sistematika ta' l-impatt tal-liġijiet komunitarji fuq il-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol fl-UE;

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tniedi kampanja ta' informazzjoni mmirata biex tiġbed l-attenzjoni fuq l-effetti ħżiena li xogħol klandestin jista' jkollu fuq is-sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali, fuq il-finanzi pubbliċi u fuq il-ħaddiema nfushom;

18. Jirrimarka l-irwol ta' l-imsieħba soċjali li jinfurmaw u li jedukaw lill-ħaddiema u lil min iħaddem bid-drittijiet u l-obbligi tagħhom f'relazzjoni ta' impjieg u dwar l-infurzar tal-liġi eżisenti f'dan il-qasam u għalhekk jistieden lill-Kummisjoni biex tipprovdi appoġġ tekniku għall-iżvilupp ta' assoċjazzjonijiet b'saħħithom ta' min jimpjega u jħeġġiġhom jikkoperaw mal-kontrapartijiet tagħhom f'pajjiżi oħra ta' l-UE sabiex ikunu enfasizzati l-benefiċċji ta' min jimpjega meta dawn iwettqu l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-ħaddiema tagħhom;

19. Jirrimarka l-irwol pożittiv lin-negozjar kollettiv korporattiv jista' jkollu fiż-żieda tal-produttività ta' kumpaniji, b'hekk jinkoraġġixxi t-tkabbir fil-qasam ta' l-imjieg, u jirrimarka l-possibilità li tinbidel il-liġi sabiex jissaħħaħ l-irwol ta' qbil bħal dan fuq il-livell ta' kumpanija;

20. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkopera b'mod kostanti ma' l-imsieħba soċjali, b'mod partikulari fil-programm li jtejjeb it-tfassil tal-liġi fit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fuq in-negozji, speċjalment fuq intrapriżi ta' daqs zgħir u medju u kumpaniji ġodda, li għandhom rwol ewlieni fil-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol ġodda;

21. Jistieden lill-Istati Membri biex inaqqsu r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-swieq tax-xogħol tagħhom u biex b'hekk tittejjeb il-mobilità fl-UE, u b'hekk l-miri ta' l-Istrateġija ta' Liżbona jkunu jistgħu jiġu milħuqa aktar malajr u mingħajr problemi;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-għan tal-Green Paper tal-Kummissjoni dwar 'Li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol biex tiffaċċa l-isfidi tas-seklu 21' hu biex iniedi dibattitu pubbliku fl-UE dwar kif il-liġi tax-xogħol tista' tiġi modernizzata biex tilqa' l-isfidi ewlenin li ġejjin fuq kollox mill-globalizzazzjoni u x-xjuħija tas-soċjetajiet Ewropej. Il-mixja tal-liġi tax-xogħol lejn din id-direzzjoni tidher li hi vitali jekk iż-żewġ għanijiet l-iktar importanti ta' l-Istrateġija ta' Liżbona - li l-UE issir l-iktar ekonomija kompetittiva fid-dinja sa l-2010 u l-ħolqien ta' livelli għolja ta' impjiegi - iridu jintlaħqu.

Peress li ż-żieda fl-impjiegi hi possibbli biss flimkien mat-tkabbir ekonomiku, l-immodernizzar tal-liġi tax-xogħol għandha tikkunsidra l-aspettativi kemm tal-ħaddiema kif ukoll ta' min iħaddem. Fil-fatt, dawn m'humiex kompletament diverġenti fl-Unjoni Ewropea, fejn kultura ta' kunflitt - il-bażi filosofika tal-liġi tax-xogħol, li oriġinarjament kienet intenzjonata biex tipproteġi l-parti l-iktar dgħajfa fir-relazzjoni ta' impjieg - gradwalment qed tiġi sostwita b'kultura ta' koperazzjoni. Fil-preżent, l-għan komuni tal-ħaddiema u ta' min iħaddem hu li jkunu kapaċi jadattaw għal kundizzjonijiet dejjem jinbidlu li ġejjin mill-iżvilupp teknoloġiku mgħaġġel, miż-żieda fil-kompettività - konsegwenza kemm tal-globalizzazzjoni kif ukoll tad-domanda li qed tinbidel tal-konsumatur - kif ukoll mill-iżvilupp mgħaġġel ħafna tas-settur tas-servizzi. Fis-Samit ta' Hampton Court f'Ottubru 2005, wara li kkunsidra dawn il-fatturi, il-Kunsill Ewropew adotta komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-valuri Ewropej f'dinja globalizzata, li stiednet lill-Istati Membri biex japplikaw politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jippromwovu l-flessibiltà u l-adattabiltà maħsuba 'biex jipproteġu n-nies aktar milli l-impjiegi'. Il-komunikazzjoni semmiet ukoll il-ħtieġa li jitjieb l-ambjent regolatorju fuq livell ta' l-UE u nazzjonali, sabiex 'in-negozji u ċ-ċittadini jinħelsu minn spejjeż u burokrazija żejda'.

Il-Green Paper tidher li hi kontinwazzjoni tal-linja ta' ħsieb li l-ħolqien ta' qafas ta' liġi tax-xogħol aktar flessibli hu essenzjali. Dan ma jfissirx irtirar radikali mill-istandards obbligatorji tas-sigurtà tax-xogħol, iżda jistgħu jirrikjedu tibdil fil-kwalità ta' dawk l-istandards riflessi f'bidla mill-kunċett tas-'sigurtà tax-xogħol' għal dak ta' 'sigurtà ta' impjieg' u mill-kunċett ta' 'sigurtà b'xogħol' għal dak ta' 'sigurtà ta' xogħol'. Il-liġi tax-xogħol imfassla essenzjalment biex tipproteġi lill-ħaddiema impjegati taħt relazzjonijiet tax-xogħol standard ibbażati fuq kuntratti tax-xogħol permanenti mhux se tfixkel lil dawk f'impjieg konvenzjonali milli jirrispondu flessibilment għall-bżonnijiet tas-suq. Regolamentazzjoni stretta żżejjed tas-suq tax-xogħol għandha effetti ħżiena fuq it-tkabbir ekonomiku u ż-żieda fl-impjiegi, tiskoraġġixxi lil min iħaddem milli joffri xogħol legali u tinkoraġixxi kemm lil min iħaddem kif ukoll lill-ħaddiema biex jirrikorru għall-'black market'.

In-nuqqas ta' flessibiltà fil-liġi tax-xogħol jirriżulta wkoll fl-iżvilupp ta' forom alternattivi tax-xogħol, li kif turi d-dejta ta' l-istatistika, li jżidu l-opportunitajiet tax-xogħol għal persuni li qed jibdew il-ħajja tax-xogħol, kif ukoll ta' dawk li waslu biex jirtiraw jew li jixtiequ jirritornaw għax-xogħol wara waqfa. Dawn jipprovdu wkoll lill-istudenti żgħar jew lill-ġenituri li qed irabbu t-tfal b'mod faċli kif jikkombinaw ix-xogħol ma' l-istudju jew mal-ħajja

familjari. Minħabba l-popolarità dejjem tiżdied ta' forom ta' xogħol bħal dawn, kif ukoll l-effetti tajba tagħhom fis-sens li jagħmluha aktar faċli li tidħol u tibqa' fis-suq tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol għandha tirrispettahom, filwaqt li fl-istess ħin tipproteġi lill-ħaddiema kkonċernati mid-diskriminazzjoni u tiżgura ż-żamma ta' ċerti drittijiet minimi, li għandhom jiġu determinati skond it-tradizzjonijiet u l-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi ta' kull Stat Membru. Madankollu, m'hemm bżonn li wieħed ifittex li jelimina d-differenzi bejn forom tradizzjonali u alternattivi ta' xogħol. It-twaqqif ta' standards minimi komuni tax-xogħol għall-forom kollha tax-xogħol mhux biss ikun diffiċli ħafna, iżda jista' jwassal għall-bini ta' aktar ostakoli għall-aċċess tas-suq tax-xogħol legali għal ħafna gruppi soċjali, inklużi dawk li huma l-iktar vulnerabbli li jiġu emarġinati.

Il-ħolqien ta' standards u definizzjonijiet uniformi ġodda fuq livell Ewropew għandhom ikunu trattati b'restrizzjoni partikolari. Id-differenzi bejn l-Istati Membri tant huma kbar li l-introduzzjoni ta' miżuri uniformi bħal dawn jista' jkollhom l-effett li jnaqqsu l-effiċjenza ekonomika u għalhekk jaffetwaw b'mod negattiv il-livelli ta' l-impjiegi. L-Unjoni Ewropea għandha firxa impressjonanti ta' regolamenti li jikkontrollaw is-suq tax-xogħol u ma hemmx bżonn li jiġu introdotti regolamenti ġodda . Madanakollu, hemm bżonn ta' reviżjoni ta' rutina tal-leġiżlazzjoni eżistenti li tkejjel l-impatt tagħha fuq l-operat ta' intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs u fuq il-livelli ta' l-impjiegi fl-Unjoni Ewropea.

F'dan ir-rigward, bla dubju ta' xejn ikun utli għall-Istati Membri li jadottaw politika iktar qawwija mmirata lejn il-tlestija tas-suq wieħed b'riferenza partikolari għal moviment ħieles tal-ħaddiema u tas-servizzi. L-isforzi li għamlu l-istituzzjonijiet tal-Komunità għandhom jirriżultaw fit-tneħħija ta' ostakoli u diffikultajiet li jitqajmu fuq livell supranazzjonali, minħabba li dawn ikomplu jkunu fattur kbir li jtellef il-mobilità taċ-ċittadini Ewropej, li hija kruċjali għat-tkabbir ekonomiku u għalhekk għax-xogħol. Il-mod miftuħ ta' koperazzjoni għandu jservi ta' qafas għal skambji aktar dinamiċi ta' esperjenza pożittiva mill-Istati Membri fil-kuntest ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar flessibilità u sigurtà fis-swieq tax-xogħol ta' l-UE jinnota b'mod espliċitu li, minn perspettiva fuq tul ta' żmien twil, li wieħed jipprovdi taħriġ kompetenti għal persuni bla xogħol għandu influwenza pożittiva ħafna ikbar fl-għajnuna li jirċievu sabiex ikampaw fis-suq tax-xogħol. Għalhekk, għandha tingħata importanza ikbar fuq id-disponibbiltà u l-kwalità tat-taħriġ kemm għal persuni impjegati u kemm għal dawk il-persuni mingħajr xogħol. Madanakollu, minħabba li l-motivazzjoni individwali hija ta' importanza ewlenija għas-suċċess ta' kwalunkwe proċess ta' tagħlim, korsijiet xierqa, bħal studji intraprenditorjali u l-immaniġġjar ta' karriera personali, għandhom ikunu suġġetti permanenti fil-kurrikulu ta' l-iskejjel.

L-Istrateġija ta' Liżbona relatati ma' l-attività professjonali ntlaħqet f'erba' pajjiżi ta' l-UE, li huma differenti konsiderevolment minn oħrajn minħabba s-saħħa numerika u l-livell ta' attività tat-trejdjunjins tagħhom. Madanakollu, d-djalogu soċjali dwar kwistjonijiet kruċjali għall-iżvilupp ekonomiku u għalhekk għaż-żieda fl-impjiegi, huwa meħtieġ kullimkien. Minbarra d-djalogu fuq livell Ewropew u nazzjonali, għandha titpoġġa enfażi ukoll fuq il-valur tad-djalogu fuq livell industrijali, li jipprovdi kuntest aħjar li jirrispondi għal kundizzjonijiet ta' suq li qed jinbidel. Djalogu soċjali b'saħħtu jagħmel possibbli li tintrebaħ it-tensjoni u tinbena l-fiduċja bejn il-ħaddiema u min iħaddimhom. L-imsieħba soċjali jistgħu jagħmlu kontribuzzjoni pożittiva sabiex jinkoraġġixxu lil dawk barra s-suq tax-xogħol sabiex

jieħdu vantaġġ minn forom alternattivi ta' impjiegi f'sitwazzjonijiet fejn kuntratti tradizzjonali mhumiex disponibbli. Alternattivi bħal dawn huma aħjar mill-qgħad. Il-Kummissjoni u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw l-iżvilupp ta' msieħba soċjali b'saħħithom u, fil-kuntest tal-liġi tax-xogħol, jinkoraġġixxu l-koperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenzi pożittivi bejn organizzazzjonijiet, kif ukoll il-promozzjoni ta' kampanji ta' taħriġ u informazzjoni mmirati lejn il-ħaddiema u min iħaddem dwar id-drittijiet tal-ħaddiema u l-effetti negattivi li n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-liġi tax-xogħol jġib miegħu.